Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/432

6.3.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/432

tal-5 ta' Marzu 2025

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-sulfat tar-ram pentaidrat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 2 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Is-sulfat tar-ram pentaidrat ġie approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1033/2013 ([2]), soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(2) L-approvazzjoni tas-sulfat tar-ram pentaidrat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 2 ("l-approvazzjoni") se tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2025. Fis-6 ta' April 2023, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni ("l-applikazzjoni").

(3) Fis-17 ta' Settembru 2024, l-awtorità kompetenti li tevalwa ta' Franza infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa trid twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', skont il-każ, teżiġi li l-applikant jipprovdi biżżejjed *data* biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-*data* rikjesta jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi trid tħejji u tippreżenta opinjoni lill-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Għaldaqstant, għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk, jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta għal perjodu twil biżżejjed biex l-applikazzjoni tkun tista' tiġi eżaminata. Wara li tqiesu l-limiti ta' żmien għall-evalwazzjonijiet mill-awtorità kompetenti li tevalwa, għat-tħejjija u għall-preżentazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tal-opinjoni tagħha u ż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Diċembru 2027.

(7) Wara l-posponiment tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, is-sulfat tar-ram pentaidrat jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1033/2013,

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1033/2013 tal-24 ta' Ottubru 2013 li japprova s-sulfat tar-ram pentaidrat bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 2 (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/1033/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfat tar-ram pentaidrat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2, stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1033/2013, hija posposta għall-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN